Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,603, 13 ta' Marzu, 2026

Taqsima B

A.L. 60 tal-2026

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Community Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Community Malta u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Community Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali".

L.S. 595.38.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

Jissostitwixxi l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Komunità Malta.".

Emenda ġenerali tal-ordni prinċipali.

3. Fl-ordni prinċipali l-kliem "Aġenzija Community Malta", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Aġenzija Komunità Malta".

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

4. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Aġenzija" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali" tfisser il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali;

L.S. 595.12.

"Fond Konsolidat" tfisser il-Fond Konsolidat imwaqqaf bl-artikolu 102 tal-Kostituzzjoni;";

(b) it-tifsir "Aġent", "applikant" u "investiment dirett eċċezzjonali" għandhom jiġu mħassra.

Jistostitwixxi l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali.

5. L-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandu jiġu sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali.

L.S. 188.06.

10. (1) L-Aġenzija għandha żżomm ħmistax fil-mija (15%) minn kontribuzzjonijiet riċevuti permezz tal-applikazzjonijiet għal naturalizzazzjoni permezz tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza permezz ta' Naturalizzazzjoni abbażi tal-Mertu, kif kienu fis-seħħ fid-29 ta' April 2025, għal applikazzjonijiet li jkunu ġew approvati għan-naturalizzazzjoni qabel id-29 ta' April 2025 u għandha talloka l-bqija tal-bilanċ kif ġej:

(a) tletin fil-mija (30%) għall-Fond Konsolidat;

(b) sebgħin fil-mija (70%) għall-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali.

L.S. 595.12.

(2) Il-fondi riċevuti mill-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali skont dan l-ordni għandhom jintużaw għall-finijiet stabbiliti fl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali:

Iżda l-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali meta jalloka l-fondi ġejjin mill-Aġenzija, għandu jindika espressament li tali fondi jkunu ġew ipprovduti mill-Aġenzija.

(3) L-Aġenzija għandha b'dan ikollha s-setgħa u l-awtorità li tuża kwalunkwe profitt operattiv tal-Aġenzija għall-finijiet ta' sponsorizzar jew ta' finanzjament ta' kwalunkwe kawżi soċjali jew filantropiċi denji li tista' tidentifika minn żmien għal żmien.".

Iħassar l-artikolu 12 tal-ordni prinċipali.

6. L-artikolu 12 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jissostitwixxi l-artikolu 13 tal-ordni prinċipali.

7. L-artikolu 13 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Is-setgħa li jingħataw ġuramenti.

13. L-avukati, il-prokuraturi legali, l-uffiċjali pubbliċi u l-impjegati pubbliċi li jwettqu dmirijiet bħala uffiċjali fl-Aġenzija, għandu jkollhom is-setgħa li jamministraw il-ġuramenti.".

Iħassar l-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali.

8. L-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali għandha tiġi mħassra.

Dispożizzjoni tranżitorja.

9. Id-dispożizzjonijiet tal-ordni prinċipali għandhom ikomplu japplikaw għal dawk il-persuni li, fid-29 ta' April 2025, kellhom liċenzja valida u effettiva maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Aġenti, liema liċenzja għandha tibqa' valida biss għall-fini tal-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tal-imsemmija regolamenti, kif ukoll ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza permezz ta' Naturalizzazzjoni abbażi tal-Mertu, ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u d-dispożizzjonijiet tal-ordni prinċipali, kif kienu fis-seħħ fid-29 ta' April 2025 jew xort'oħra, inkluż kwalunkwe dispożizzjonijiet li ġew promulgati wara d-29 ta' April 2025, safejn tali dispożizzjonijiet għadhom applikabbli għalihom bħala aġenti, sakemm ma jibqgħux japplikaw għalihom;

L.S. 188.05.

L.S. 188.06.

L.S. 188.03.

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-ordni prinċipali għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jkunu ġew approvati għan-naturalizzazzjoni.

L.N. 60 of 2026

PUBLIC ADMINISTRATION ACT
(CAP. 595)

Community Malta Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2026

IN EXERCISE of the powers conferred by article 26 of the Public Administration Act, the Prime Minister has made the following order:-

Citation and commencement.

S.L. 595.38.

1. (1) The title of this order is the Community Malta Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2026 and this order shall be read and construed as one with the Community Malta Agency (Establishment) Order, hereinafter referred to as the "principal order".

(2) This order shall come into force within two (2) months from its publication in the Gazette.

Substitutes article 1 of the principal order.

2. In the Maltese version only, article 1 of the principal order shall be substituted by the following new article:

"Titolu. 1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Komunità Malta.".

General amendment to the principal order.

3. In the Maltese version only of the principal order, the words "Aġenzija Community Malta", wherever they occur, shall be substituted by the words "Aġenzija Komunità Malta".

Amends article 2 of the principal order.

4. Article 2 of the principal order shall be amended as follows:

(a) immediately after the definition "Agency" there shall be added the following new definition:

" "Consolidated Fund" means the Consolidated Fund established by article 102 of the Constitution;";

(b) the definitions "Agent", "applicant" and "exceptional direct investment" shall be deleted;

(c) immediately after the definition "Minister" there shall

be added the following new definition:

" "National Development and Social Fund" means the National Development and Social Fund established by article 3 of the National Development and Social Fund (Establishment as an Agency) Order;".

S. L. 595.12.

5. Article 10 of the principal order shall be substituted by the following new article:

Substitutes article 10 of the principal order.

"National Development and Social Fund. S.L.188.06.

10. (1) The Agency shall retain fifteen percent (15%) from contributions received by means of the applications for naturalisation under the Granting of Citizenship by Naturalisation on the basis of Merit Regulations, as in force on 29th April 2025, for applications which have been approved for naturalisation prior to 29th April 2025 and shall allocate the remaining balance as follows:

(a) thirty per cent (30%) to the Consolidated Fund;

(b) seventy per cent (70%) to the National Development and Social Fund.

(2) The funds received by the National Development and Social Fund in accordance with this order shall be used for the purposes established in the National Development and Social Fund (Establishment as an Agency) Order:

S.L. 595.12.

Provided that the National Development and Social Fund when allocating funds derived from the Agency, shall expressly indicate that such funds have been provided by the Agency.

(3) The Agency shall hereby have the power and authority to use any operating profit of the Agency for the purposes of sponsoring or funding any worthy social or philanthropic causes that it may identify from time to time.".

6. Article 12 of the principal order shall be deleted.

Deletes article 12 of the principal order.

7. Article 13 of the principal order shall be substituted by the following new article:

Substitutes article 13 of the principal order.

"Power to administer oaths.

13. Lawyers, legal procurators, public officers and public employees performing duties as officers at the Agency, shall have the power to administer oaths.".

Deletes the Schedule to the principal order.

8. The Schedule to the principal order shall be deleted.

Transitory provision.

S.L. 188.05.

S.L. 188.06.

S.L. 188.03.

9. The provisions of the principal order shall continue to apply to those persons holding, as at 29th April 2025, a valid and effective licence issued under the Agents (Licences) Regulations, which licence shall remain valid only for the purpose of the implementation of such provisions of the said regulations, as well as the Granting of Citizenship by Naturalisation on the basis of Merit Regulations, the Individual Investor Programme of the Republic of Malta Regulations and the provisions of the principal order, as were in force on the 29th April 2025, whether by virtue of a transitory provision or otherwise, including any provisions enacted after the 29th April 2025, insofar as such provisions remain applicable to them as agents, until they cease to apply:

Provided that the provisions of the principal order shall continue to apply in relation to applications that have been approved for naturalisation.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.27